**8 ta' April, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Albert Manchè LL.D.**

John A. Scicluna, bħala chairman, għan-nom u in rappreżentanza tal-Korporazzjoni Telemalta u b'nota ta' l-14 ta' Jannar, 1994 Dr. Richard Galea Debono assuma l-atti tal-kawża minflok John A. Scicluna

*versus*

Edward Delicata u Roger Delicata, bħala direttur, għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Delicata Estates Limited.

**Servizzi Telefoniċi - *Telephone Service Regulations 1972***

*L-attur aġixxa biex jirkupra kontijiet għal servizzi telefoniċi. Il-konvenut eċċepixxa illi għall-perijodu in kwistjoni ma kenitx qed tokkupa l-bini u topera n-negozju u għalhekk ma kienx responsabbli għall-pagament. In kwantu ma kenitx ġiet segwita l-proċedura disposta mir-regolamenti applikabbli, kien hemm solidarjetà passiva bejn ir-registered subscriber u l-inkwilin u għalhekk il-Qorti ddeċidiet kontra l-konvenut u laqgħet it-talbiet attriċi.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine ippremetta:

Illi s-soċjetà konvenuta kienet topera l-lukanda magħrufa bl-isem ta' Balluta Hotel, Main Street, San Ġiljan, f'liema fond il-Korporazzjoni attriċi kienet stallat is-servizz telefoniku bin-numru 39107 (illum 339107);

Illi wkoll in konnessjoni ma' dan is-servizz telefoniku l-konvenuti nomine għandhom jagħtu lill-attur nomine s-somma ta' Lm1114.70,5 (elf, mija u erbatax-il Lira Maltija, sebgħin ċenteżmu u ħames millleżmi) rappreżentanti ammont dovut għal telefonati lokali, telefonati għal barra (*overseas calls*) u kera tas-servizz in kwistjoni;

Illi wkoll l-ammont pretiż huwa ammont bilanċjali li għadu dovut stante li l-konvenuti nomine għamlu xi ħlasijiet akkont mill-ammont oriġinali li kien għadu dovut;

Illi wkoll il-konvenuti nomine naqsu li jħallsu l-ammont li għadu dovut għad li ġew diversi drabi mitluba mill-attur nomine biex jagħmlu dan;

Talab li dina l-Qorti:

1. tikkundanna l-konvenuti nomine jħallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm114.70,5 (elf, mija u erbatax-il Lira Maltija, sebgħin ċenteżmu u ħames milleżmi) dovuti bħala ħlas ta' kera u għal telefonati lokali u għal barra (*overseas calls*) in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 339107 stallat fil-Balluta Hotel, Main Street, San Ġiljan;

Bl-ispejjeż tal-preżenti, ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta' Diċembru, 1987 u bl-imgħaxijiet kummerċjali kontra l-konvenuti nomine;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur nomine;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine li biha eċċepew:

"1. Illi s-soċjetà konvenuta ma kenitx qed topera l-lukanda Balluta Hotel mill-ewwel (1) ta' Awissu elf disa' mija ħamsa u tmenin (1985), u l-attur nomine kien avżat b'dan b'diversi ittri (Dokumenti E, F, G, H, I, J, K). Lanqas kienet qed topera l-istess lukanda għall-perijodu wara l-ħmistax (15) ta' Settembru, elf disa' mija sitta u tmenin (1986) kif jidher mid-Dokument A esebit mill-attur nomine. L-attur nomine kien ukoll irrikonoxxa dan (Dokument L);

Għalhekk is-soċjetà konvenuta mhix responsabbli għall-ħlas ta' kontijiet għal dawn il-perijodi;

2. Fi kwalunkwe każ l-ammont pretiż (li ma tħallasx għar-raġunijiet imsemmija) għall-perijodu ta' Awissu, 1985 sat-3 ta' Diċembru, 1985 huwa preskritt;

3. Salvi eċċezzjonijiet oħra."

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti nomine;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 1990 li bih il-konvenuti rrinunzjaw għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża u senjatament in-nota ta' l-14 ta' Jannar, 1994 li biha Dottor Richard Galea Debono assuma l-ati tal-kawża flok l-attur John A. Scicluna;

Ittrattat;

Ikkunsidrat:

Illi l-kontestazzjoni tas-soċjetà konvenuta hija li għall-

perijodu msemmi minnha fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet hija ma kenitx responsabbli għall-ħlas tas-servizz telefoniku in kwistjoni billi hija kienet avżat lill-Korporazzjoni attriċi li *hija kienet* waqfet topera l-Balluta Hotel, il-fond li fih kien stallat is-servizz telefoniku u kienet informat lill-Korporazzjoni li l-inkwilini tal-Balluta Hotel u "*subscribers*" tat-telephone in kwistjoni kienu rispettivament Terence Long u Paul Tabone.

Il-Korporazzjoni attriċi ssostni li s-soċjetà konvenuta kienet "*the registered subscriber*" u baqgħet responsabbli għall-ħlas fil-perijodi in kwistjoni billi Terence Long fil-perijodu in kwistjoni qatt ma mar il-Korporazzjoni Telemalta biex jiffirma d-dokumenti neċessarji ħalli jassumi r-responsabbiltà għall-ħlas tal-kontijiet tat-*telephone* in kwistjoni u s-soċjetà konvenuta qatt ma talbet lill-Korporazzjoni biex tissospendi jew twaqqaf is-servizz telefoniku in kwistjoni. Illi għar-rigward ta' l-imsemmi Paul Tabone *jirriżulta li wara li hu* assuma r-responsabbiltà għall-ħlas tas-servizz l-kontijiet beda jirċevihom hu;

Dak *li* qed *issostni* l-Korporazzjoni *jirriżulta* fondat kemm bħala fatt kif ukoll fid-dritt billi Terence Long qatt ma assuma responsabbiltà tagħha bħala "*the registered subscriber*" fil-konfront tal-Korporazzjoni attriċi. *Illi* t-"*Telephone Service Regulations 1972*" u senjatament ir-regolament numru 32 (2) u (3) jipprovdi li:

"*(2) Where owing to the change of ownership, lease, tenancy or occupation of any premises, such premises cease to be qualified as a subscriber's premises in respect of a particular person, such person shall notify the Chairman (tal-Korporazzjoni Telemalta) in writing within seven days of such change, and the person who thereby enters into the ownership, lease, tenancy or*

*occupation of the premises shall likewise, within the said period, notify in writing the Chairman who may either cause the installation to be removed or allow the said latter person to retain it against payment of the appropriate charges;*

(3) If the provisions of paragraph (2) of this regulation are not complied with, then, saving any other right or remedy competent to the Chairman the subscriber and the new owner, lessee, tenant or occupier, as the case may be, shall be jointly and severally liable for any charges and for any other moneys that may be due for rentals, calls service and cost of any damage that may be due or may become due";

Illi l-bilanċ mitlub fiċ-ċitazzjoni jirriżulta dovut għalkemm xi dettalji fil-kont ma kinux eżatti u għalhekk it-talba attriċi għandha tigi milqugħa billi l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta hija infondata u t-tieni waħda giet irrinunzjata;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni u ma tiħux iktar konjizzjoni tat-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti nomine u tilqa' t-talba attriċi, bl-imgħaxijiet kummerċjali u bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine.

---